

32006R1250

19.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 227/23

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1250/2006**tat-18 ta' Awwissu 2006**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1973/2004 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' skemi ta' appoġġ stipulati fit-Titoli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' art mirfugha għall-produzzjoni ta' materja prima

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 145 tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1973/2004² jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-iskemi ta' appoġġ akkoppjat stipulati fit-Titoli IV u IVa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u fir-rigward tal-użu ta' artijiet mirfugha għall-produzzjoni ta' materja prima taħt l-iskema ta' ħlaq uniku stipulata fit-Titolu III ta' dak ir-Regolament u taħt l-iskema ta' ħlaq għaż-żona tal-uċuħ tar-raba' stipulata fil-Kapitolu 10 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004 jistipula li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-dejta lill-Kummissjoni u d-diversi dati għal meta għandha tintbagħat din l-informazzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004 jeħtieġ ukoll li tintbagħat informazzjoni addizzjonali dwar l-iskemi ta' appoġġ differenti. Għal finijiet ta' semplifikazzjoni, huwa f'loku li tiġi ċċarata l-informazzjoni meħtieġa li trid tintbagħat lill-Kummissjoni matul is-sena.

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).

² ĠU L 345, 20.11.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 660/2006 (ĠU L 116, 27.4.2006, p. 27).

L-Artikolu 64 tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004 jiddefinixxi 'mirfugħa' bħala li titħalla mistrieħa żona art eliġibbli għall-ħlas taż-żona skont l-Artikolu 108 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Sabiex ikunu koperti l-iskemi kollha ta' art mirfugħa koperti mill-Artikolu 107 ta' dak ir-regolament, huwa xieraq li l-ambitu ta' din id-definizzjoni jkun estiż lil hinn mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 107.

L-Artikolu 171cj tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004 jistipula li l-piż tat-tabakk li abbażi tiegħu tkun kkalkolata l-għajjnuna għandu jiġi aġġustat meta il-kontenut tal-umdità jkun differenti mil-livelli stipulati fl-Anness XXVIII ta' dak ir-Regolament għall-varjetà kkonċernata. Dawk il-livelli għandhom jiġu addattati biex jinkludu l-verżjoni t-tajba kif iffaċilitat mill-Istati Membri kkonċernati.

Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3 Komunikazzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-dejta li ġejja lill-Kummissjoni permezz ta' trażmissjoni elettronika:
 - (a) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena kkonċernata:
 - (i) iż-żona totali li ntalbet l-għajjnuna dwarha għaliha fil-każ ta':
 - il-primjum tal-kwalità speċifika għall-qamħ durum stipulat fl-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-primjum għall-uċuħ tal-proteina stipulat fl-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-ħlas speċifiku għall-uċuħ għar-ross stipulat fl-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, imqassam skont il-varjetajiet indica u japonica,
 - il-ħlas taż-żona għal ġewż stipulat fl-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, espress skont il-kategoriji ta' siġar tal-ġewż,

- l-ghajjnuna għall-uċuħ tal-enerġija stipulata fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-ħlas taż-żona tal-uċuħ tar-raba' stipulat fl-Artikolu 100 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont iż-żona bażi kif imsemmi fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fil-format standardizzat deskritt fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament,
 - il-ħlas speċifiku għall-wiċċ għall-qoton stipulat fl-Artikolu 110a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-ghajjnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ stipulata fl-Artikolu 110g tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-kategoriji,
 - l-ghajjnuna għaż-żona tal-ħops stipulata fl-Artikolu 110n tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-iskema ta' ħlas ta' żona waħda (SAPS) stipulata fl-Artikolu 143b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (ii) il-kwantità totali li dwarha ntalbet l-ghajjnuna fil-każ ta':
- il-primjum tal-prodotti tal-ħalib stipulat fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-ħlasijiet addizzjonali għall-produtturi tal-prodotti tal-ħalib stipulati fl-Artikolu 96 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (iii) l-għadd totali ta' applikazzjonijiet fil-każ tal-primjums tan-nagħaġ u l-mogħoż stipulati fl-Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, bl-użu tal-formola mudell stabbilita fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament;
- (b) sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru tas-sena kkonċernata, iż-żona determinata totali fil-każ ta':
- il-primjum għall-uċuħ tal-proteina stipulat fl-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-ghajjnuna għall-uċuħ tal-enerġija stipulata fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (c) sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena kkonċernata:
- (i) iż-żona determinata totali użata għall-kalkolu tal-koeffiċjent ta' tnaqqis fil-każ ta':
- il-primjum ta' kwalità speċifika għall-qamħ durum stipulat fl-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,

- il-ħlas speċifiku għall-uċuħ għar-ross stipulat fl-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, imqassam skont il-varjetajiet indica u japonica, kif ukoll l-informazzjoni dettaljata skont il-varjetà ta' ross u skont iż-żona bażi u żona taħt il-baży bl-użu tal-formola mudell stabbilita fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.
 - il-ħlas taż-żona għall-ġewż stipulat fl-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, espress skont il-kategoriji ta' siġar tal-ġewż,
 - il-ħlas taż-żona tal-uċuħ tar-raba' stipulat fl-Artikolu 100 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont iż-żona baży kif imsemmi fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fil-format standardizzat deskritt fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament,
 - il-ħlas speċifiku għall-uċuħ għall-qoton stipulat fl-Artikolu 110a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ stipulata fl-Artikolu 110g tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-kategoriji,
 - l-għajnuna għaż-żona tal-ħops stipulata fl-Artikolu 110n tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-iskema ta' ħlas għal żona waħda (SAPS) stipulata fl-Artikolu 143b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (ii) il-kwantità determinata totali użata għall-kalkolu tal-koeffiċjenti tat-tnaqqis, fil-każ tal-primjum tal-prodotti tal-ħalib stipulat fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (iii) il-kwantità determinata totali fil-każ ta':
- il-ħlasijiet addizzjonali għall-produtturi tal-prodotti tal-ħalib stipulati fl-Artikolu 96 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-għajnuna għat-tabakk stipulata fl-Artikolu 110j tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-varjetajiet tat-tabakk elenkati fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament;
- (iv) l-ammont ta' għajnuna għal kull ettaru li jrid jingħata għal kull kategorija ta' msagħar taż-żebbuġ fil-każ tal-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ stipulat fl-Artikolu 110g tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (d) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, l-ammont ta' għajnuna indikattiva għal kull kg fil-każ tal-għajnuna tat-tabakk stipulata fl-Artikolu 110j tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-grupp ta'

varjetajiet tat-tabakk elenkati fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u, fejn applikabbli, skont il-grad tal-kwalità;

(e) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara:

- (i) iż-żona totali li dwarha effettivament tħallset l-ghajjnuna fil-każ ta':
- il-livell tal-primjum ta' kwalità għall-qamħ durum stipulat fl-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-primjum għall-uċuħ tal-proteina stipulat fl-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-ħlas speċifiku għall-uċuħ għar-ross stipulat fl-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, imqassmin skont il-varjetajiet indica u japonica,
 - il-ħlas taż-żona għall-ġewż stipulat fl-Artikolu 83 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, espress skont il-kategoriji ta' siġar tal-ġewż,
 - l-ghajjnuna għall-uċuħ tal-enerġija stipulata fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-ħlas taż-żona tal-uċuħ tar-raba' stipulat fl-Artikolu 100 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont iż-żona bażi kif imsemmi fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fil-format standardizzat deskritt fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament,
 - il-ħlas speċifiku għall-uċuħ għall-qoton stipulat fl-Artikolu 110a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-ghajjnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ stipulata fl-Artikolu 110g tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-kategoriji,
 - l-ghajjnuna għaż-żona tal-ħops stipulata fl-Artikolu 110n tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-iskema ta' ħlas għal żona waħda (SAPS) stipulata fl-Artikolu 143b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (ii) il-kwantità totali li dwarha effettivament tħallset l-ghajjnuna fil-każ ta':
- l-ghajjnuna għal-patata tal-lamtu (f'ekwivalenti ta' lamtu) stipulata fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - il-primjum tal-prodotti tal-ħalib stipulat fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,

- il-ħlasijiet addizzjonali għall-produtturi tal-prodotti tal-ħalib stipulati fl-Artikolu 96 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-ghajjnuna għaż-żerriegħa stipulata fl-Artikolu 99 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont l-ispeċijiet ta' żerriegħa elenkati fl-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003,
 - l-ghajjnuna għat-tabakk stipulata fl-Artikolu 110j tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-varjetajiet tat-tabakk elenkati fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament skont il-kwalità,
 - il-ħlas tranżitorju għaz-zokkor stipulat fl-Artikolu 110p tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;
- (iii) l-ammont ta' għajjnuna finali għal kull kg fil-każ tal-ghajjnuna tat-tabakk stipulata fl-Artikolu 110j tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont il-grupp ta' varjetajiet tat-tabakk elenkati fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u, fejn applikabbli, skont il-grad tal-kwalità;
- (iv) l-għadd totali ta' primjums tan-nagħaġ u l-mogħoż imħallsa fil-każ tal-primjums tan-nagħaġ u l-mogħoż stipulati fl-Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, bl-użu tal-formola mudell stabbilita fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.
2. Fil-komunikazzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, iż-żoni għandhom jiġu espressi f'ettari b'żewġ punti deċimali, il-kwantitajiet għandhom ikunu espressi f'tunnellati bi tliet punti deċimali, u n-numru ta' applikazzjonijiet għandu jkun espress mingħajr punti deċimali.
3. Meta l-informazzjoni mitluba fil-paragrafu 1 tinbidel, partikolarment bħala riżultat tal-iċċekkjar jew tiswġiet jew titjib ta' figuri preċedenti, il-Kummissjoni għandha tiġi aġġornata fi żmien xahar minn wara li tkun saret il-bidla."
- (2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:
- "1. Il-koeffiċjent tat-tnaqqis taż-żona fil-każ imsemmi fl-Artikoli 75, 78(2), 82, 85, 89(2), 98, 143 u 143b(7) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew tal-kwantitajiet u l-kriterji oġġettivi fil-każ imsemmi fl-Artikolu 95(4) ta' dak ir-Regolament għandu jkun iffissat sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena kkonċernata fuq il-bażi tad-dejta kkomunikata skont l-Artikolu 3(b) u (c) ta' dan ir-Regolament."
- (b) il-paragrafu 2 jitħassar.
- (3) Fl-Artikolu 14, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

- “1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru, il-lista tal-varjetajiet irreġistrati fil-katalogu nazzjonali, ikklassifikati skont il-kriterji definiti fil-partita 2 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003* fil-każ ta' emendi għal din il-lista.
2. Għall-Gujana Franċiża, l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żoni msemija fl-Artikolu 3(1)(c)(i) għandhom ikunu kkomunikati fuq il-bażi ta' medja taż-żoni miżrugħa matul iż-żewġ ċikli ta' żriegħ imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 12.

* ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96."

- (4) Fl-Artikolu 44, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Informazzjoni bħal din għandha tinkludi, b'mod partikolari:

- (a) iż-żoni li jikkorrispondu għal kull speċi ta' materja prima;
- (b) il-kwantitajiet ta' kull tip ta' materja prima u prodott aħħari miksub."

- (5) Fl-Artikolu 62, it-termini introduttorji jinbidlu b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 102(5) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena li l-applikazzjoni għall-ħlas għaż-żona tkun saret għaliha, jistabbilixxu dan li ġej:"

- (6) L-Artikolu 64 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 64
Definizzjoni

Għall-finijiet tal-Artikolu 107 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, 'mirfugħa' għandha tfisser li titħalla mistrieħa art eliġibbli għall-ħlas taż-żona skont l-Artikolu 108 ta' dak ir-Regolament."

- (7) L-Artikolu 69 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 69
Komunikazzjonijiet

Meta jinstab li ż-żoni msemija fl-Artikoli 59 u 60 ġew eċċeduti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiffissa r-rata definittiva tal-eċċess minnufih u sa mhux iktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena kkonċernata u għandu jikkomunikaha lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena kkonċernata. Id-dejta użata biex tiġi kkalkulata r-rata b'kemm żona bażi tkun eċċediet għandha tingħadda bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI."

- (8) L-Artikolu 76 hu sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 76
Notifika

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, bi kwalunkwe bidliet fil-lista taż-żoni ġeografiċi fejn tiġi pprattikata t-transumanza msemija fl-Artikolu 114(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-Artikolu 73 ta' dan ir-Regolament."

(9) L-Artikolu 84 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Jannar ta' kull sena, bi kwalunkwe emenda fil-parti tad-drittijiet tal-primjums trasferiti li għandhom jiġu ċeduti lir-riserva nazzjonali skont l-Artikolu 117(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u, fejn hu applikabbli, bil-miżuri meħuda skont l-Artikolu 117(3) ta' dak ir-Regolament."

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) it-termini introduttorji jinbidlu b'dan li ġej:

"Bl-użu tat-tabella stabbilita fl-Anness XIII, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' April għal kull sena bi:"

(ii) il-punt (e) huwa mħassar.

(10) L-Artikolu 106 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 106
Notifika

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar ta' kull sena:

(a) bi kwalunkwe bidla fit-tnaqqis imsemmi fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(b) fejn applikabbli, bi kwalunkwe emenda għall-miżuri meħuda skont l-Artikolu 127(2)(a) ta' dak ir-Regolament.

2. Bl-użu tat-tabella stabbilita fil-Parti 3 tal-Anness XVIII, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju għal kull sena kalendarja bi:"

(a) in-numru ta' drittijiet għal primjum irritornati mingħajr ħlas kumpensatorju lir-riserva nazzjonali wara trasferimenti tad-drittijiet mingħajr trasferimenti ta' stabbilimenti matul is-sena kalendarja preċedenti;

- (b) in-numru ta' drittijiet għal primjum mhux użati msemija fl-Artikolu 109(2) trasferiti lir-riserva nazzjonali matul is-sena kalendarja preċedenti;
- (c) in-numru tad-drittijiet mogħtija skont l-Artikolu 128(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 matul is-sena kalendarja preċedenti."

(11) L-Artikolu 131 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu għal tagħrif relatat mas-sena preċedenti, tan-numru ta' għoġġiela li l-primjum tal-qatla ġie applikat għalihom u li jindika jekk l-annimali nqatlux jew ġewx esportati;"

- (b) fil-paragrafu 2, it-termini introdutturji u l-punt (a) jinbidlu b'dan li ġej:

"sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar għal tagħrif relatat mas-sena preċedenti, ta':"

- (c) fil-paragrafu 3, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“(a) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu għal tagħrif relatat mas-sena preċedenti, tan-numru ta' annimali bovini ħliel għoġġiela li l-primjum tal-qatla ġie applikat għalihom u li jindika jekk l-annimali nqatlux jew ġewx esportati;"

- (d) fil-paragrafu 4, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar għal tagħrif relatat mas-sena preċedenti, tan-numru ta' bovini maskji li l-primjum speċjali ġie applikat għalihom, imqassam skont il-grupp tal-età u t-tip ta' annimal (barri jew għoġol);"

- (e) fil-paragrafu 6, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“(a) fejn applikabbli, kull sena sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar għal tagħrif relatat mas-sena preċedenti, tan-numru ta' annimali li l-primjum ta' barra mill-istaġun ingħata effettivament għalihom, imqassmin skont ibbenefikawx mill-ewwel jew it-tieni parti tal-primjum speċjali, u n-numru ta' raħħala li jikkorrispondu ma' kull wieħed miż-żewġ gruppi ta' etajiet;"

(12) L-Artikolu 169 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) il-kwantitajiet ta' kull tip ta' materja prima u prodott aħħari miksub."

- (b) il-punti (c), (d) u (e) jitħassru.

(13) Fl-Artikolu 171*ai*, it-termini introdutturji tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġej:

"Qabel il-31 ta' Jannar tas-sena kkonċernata, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lil min ikabbar il-qoton bi:"

- (14) L-Artikolu 171*bd* jitħassar.
- (15) L-Anness III jinbidel bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (16) L-Anness VI jinbidel bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (17) L-Anness IX jinbidel bit-test tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.
- (18) L-Annessi XI u XII jinbidlu bit-test tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
- (19) L-Anness XIV jitħassar.
- (20) L-Anness XVIII jinbidel bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.
- (21) L-Anness XXVIII jinbidel bit-test tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I***"ANNESS III*****ĦLAS SPEĊIFIKU GĦAL UĊUH TAR-RABA' GĦAR-ROSS**

imsemmi fl-Artikolu 3(1)(c)(i)

ŻONA TOTALI DETERMINATA, użata għall-kalkolu tal-koeffiċjent ta' tnaqqis

SKADENZA TA' TRAŻMISSJONI: 15 TA' NOVEMBRU KULL SENA

SENA LI SARET TALBA GĦALIHA:

STAT MEMBRU:

(għal Franza biss) żona bażi:

<u>sottożona</u>	<u>żona ta' referenza</u> <u>(f'ettari) (*)</u>	<u>varjetà</u>	<u>żona totali determinata</u> <u>(f'ettari) (**)</u>
<u>Isem is-sottożona 1</u>		<u>Varjetà 1</u>	
		<u>Varjetà 2</u>	
		<u>Varjetà 3</u>	
		<u>....</u>	
		<u>TOTAL</u>	
<u>Isem is-sottożona 2</u>		<u>Varjetà 1</u>	
		<u>Varjetà 2</u>	
		<u>Varjetà 3</u>	
		<u>....</u>	
		<u>TOTAL</u>	
<u>Isem is-sottożona 3</u>		<u>Varjetà 1</u>	
		<u>Varjetà 2</u>	
		<u>Varjetà 3</u>	
		<u>....</u>	
		<u>TOTAL</u>	
<u>....</u>		<u>Varjetà 1</u>	
		<u>Varjetà 2</u>	
		<u>Varjetà 3</u>	
		<u>....</u>	
		<u>TOTAL</u>	
<u>TOTAL</u>			

(*) L-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

(**) L-Artikolu 80(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003."

ANNEX II***“ANNEX VI***

imsemmi fl-Artikoli 59, 60 u 69

HLASIJET ĠHAŻ-ŻONI TAL-UĊUH TAR-RABA'**KALKOLU TA' EĊĊESS FUQ IŻ-ŻONA BAŻI**

SKADENZA TA' TRAŻMISSJONI: 15 TA' NOVEMBRU KULL SENA

SENA LI SARET TALBA GĦALIHA:

STAT MEMBRU:

Żona
bażi**Prodott**

L-uċuħ kollha

Irrigati

Mhux irrigati

Qamħirrun

Uċuħ li mhumiex
qamħirrun

**Żona effettivamente
misjuba**

Il-prodotturi kollha	Qamħ durum, l-Artikolu 105(1)	1	
	Qamħirrun (żona bażi separata)	2	
	Uċuħ oħrajn kif elenkati fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003	3	
	Irfiġh volontarju	4	
TOTAL		= 1 + 2 + 3 + 4	5

Foraġġ (annimali bovini - nagħaġ)	Total għall-prodotti kkonċernati	6	
--	----------------------------------	---	--

TOTAL	għall-applikazzjonijiet	= 5 + 6	7
--------------	--------------------------------	----------------	----------

ŻONI BAŻI (*)	8	
Kwalunkwe bilanċ minn żona bażi oħra	9	
Żona bażi totali applikabbli = 8 + 9	10	
Eċċess jew żbilanċ = 7 - 10	11	
Eċċess bħala perċentwali = (7/10 - 1,00)	12	

(*) żona bażi kif imsemmija fl-Anness VI"

ANNESS III

"ANNESS IX

imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a)(i), (c)(i) u (e)(i)

HLASIJET ĠHAŻ-ŻONI TAL-UĊUH TAR-RABA'

L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-forma ta' sensiela ta' tabelli mfassla skont il-mudell deskritt hawn taħt:

- it-tieni sett ta' tabelli li jagħtu informazzjoni dwar kull reġjun ta' żona bażi fl-ambitu tat-tifsira tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- tabella waħda li tiġbor fil-qosor l-informazzjoni għal kull Stat Membru.

It-tabelli għandhom jintbagħtu fil-forma ta' kopja stampata u f'forma kompjuterizzata.

Noti:

Kull tabella trid tikkwota r-reġjun kkonċernat.

Il-linja 1 għandha x'taqsam biss ma' qamħ durum eliġibbli għas-suppliment għall-ħlas taż-żona stipulat fl-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Il-linja 5 "Uċuh tar-raba' ddikjarati bħala żoni ta' għalf għall-primjums għal annimali bovini u nagħaġ" tikkorrispondi għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 102(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Mudell:

<u>WIĊĊ TAR-RABA'</u>	<u>Żona</u> <u>(ettari)</u>

<u>Qamħ durum, l-Artikolu 105(1)</u>	
<u>Qamħirrun (żona bażi separata)</u>	
<u>Uċuħ oħrajn, kif elenkati fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003</u>	
<u>Irfiġh volontarju, l-Artikolu 107(6)</u>	
<u>Uċuħ tar-raba' ddikjarati bħala żoni għall-għalf għal primjums ta' annimali bovini u nagħaġ</u>	
<u>Total</u>	

“

ANNEX IV*“ANNEX XI*

imsemmi fl-Artikolu 3(1)(e)(iv)

APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PRIMJUMS GĦAL NAGĦAĠ U MOGĦOŻ

SKADENZA TA' TRAŻMISSJONI: 1 TA' SETTEMBRU KULL SENA

SENA LI SARET TALBA GĦALIHA:

STAT MEMBRU:

	<u>Tip ta' animal mara</u>			<u>Total ta' animali nisa</u>
	<u>Nagħaġ li ma jinhelbux</u>	<u>Nagħaġ li jinhelbu</u>	<u>Mogħoż</u>	
<u>Numru ta' primjums li saret talba għalihom (l-Artikolu 113 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003)</u>				
<u>Numru ta' primjums supplimentari li saret talba għalihom⁽¹⁾ (l-Artikolu 114 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003)</u>				

⁽¹⁾ B'konformità mal-Artikoli 72 u 73 ta' dan ir-Regolament (Żoni Inqas Preferuti)."

ANNEX XII

imsemmi fl-Artikolu 3

HLASIJET GĦAL PRIMJUMS GĦAL NAGĦAĠ U MOGĦOŻ

SKADENZA TA' TRAŻMISSJONI: 31 TA' LULJU KULL SENA

SENA LI SARET TALBA GĦALIHOM:

STAT MEMBRU:

		<u>Tip ta' annimal mara</u>			<u>Total ta' annimali nisa</u>
		<u>Nagħaġ li ma jinhelbux</u>	<u>Nagħaġ li jinhelbu</u>	<u>Mogħoż</u>	
<u>Numru ta' primjums imħallsin (Irjus)</u>	<u>Numru ta' ħlasijiet addizzjonali r-ras (*)</u>				
	<u>Numru ta' primjums supplimentari (**)</u>				
	<u>Numru ta' primjums ta' nagħaġ jew mogħoż</u>				

(*) Fejn japplika l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (perjodu tranżitorju).

(**) B'konformità mal-Artikoli 72 u 73 ta' dan ir-Regolament (Żoni Inqas Preferuti)."

ANNEX V***"ANNEX XVIII*****imsemmi fl-Artikolu 106(3) u 131****HLASIJET GĦAĊ-ĊANGA U L-VITELLA**

SENA LI SARET TALBA GĦALIHA:

STAT MEMBRU:

1. Primjum speċjali**Numru ta' annimali**

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Skema ġenerali			Primjum għall-qatla
				Grupp uniku ta' etajiet jew l-ewwel grupp ta' etajiet		it-tieni grupp ta' etajiet	Iż-żewġ gruppi ta' etajiet flimkien
				Barrin	Għoġġiela	Għoġġiela	Għoġġiela
Artikolu 131 (4a)	1 ta' Frar 2007	1.2	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom (sena sħiħa)				
Artikolu 131 (4b-i)	31 ta' Lulju 2007	1.3	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom (sena sħiħa)				
Artikolu 131 (4b-ii)	31 ta' Lulju 2007	1.4	Numru ta' annimali mhux aċċettati minħabba l-applikazzjoni tal-limitu massimu				

Għadd ta' produttori

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Skema ġenerali:			Skematal-qatla
				Grupp uniku ta' etajiet jew l-ewwel grupp ta' etajiet	it-tieni grupp ta' etajiet	Iż-żewġ gruppi ta' etajiet flimkien	Iż-żewġ gruppi ta' etajiet flimkien biss
Artikolu 131 (4b-i)	31 ta' Lulju 2007	1.5	Numru ta' produttori li ngħataw primjum			0	

2. Primjum ta' barra mill-istaġun

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Grupp uniku ta' etajiet jew l-ewwel grupp ta' etajiet	It-tieni grupp ta' etajiet	Iż-żewġ gruppi ta' etajiet flimkien
Artikolu 131 (6a)	15 ta' Settembru 2006	2.1	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom			
		2.2	Numru ta' produttori			
	01 ta' Marzu 2007	2.3	Numru ta' annimali aċċettati			
		2.4	Numru ta' produttori			

3. Primjum tal-baqar li jreddgħu

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Merħliet puri li jreddgħu	Merħliet imħallta
Artikolu 131 (2a-i)	1 ta' Frar 2007	3.2	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom (sena sħiħa)		
Artikolu 131 (2b-i); 131 (6b-ii)	31 ta' Lulju 2007	3.3	Numru ta' baqar aċċettati (sena sħiħa)		
		3.4	Numru ta' għoġġiela aċċettati (sena sħiħa)		
		3.5	Numru ta' produttori li ngħataw primjum (sena sħiħa)		

Ammont ir-ras

Artikolu 131 (2b-iii)	31 ta' Lulju 2007	3.6	Primjum nazzjonali		
Artikolu 131 (2b-ii)	31 ta' Lulju 2007	3.7	Numru ta' annimali mhux aċċettati minħabba l-applikazzjoni tal-limitu massimu nazzjonali għall-għoġġiela		

4. Ħlas għall-estensifikazzjoni,

4.1 Applikazzjonijiet ta' fattur uniku ta' densità (l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 132(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003)

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Primjum speċjali	Primjum tal-baqar li jreddgħu	Baqar tal-ħalib	TOTAL
Artikolu 131 (6b-i);	31 ta' Lulju 2007	4.1.1	Numru ta' annimali				

Artikolu 131 (6b-ii); Artikolu 131 (6b-iii)			aċċettati				
	4.1.2		Numru ta' produtturi li ngħataw fl-asijiet				

4.2 Applikazzjonijiet ta' fattur doppju ta' densità (it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 132(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003)

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Primjum speċjali		Primjum tal-baqar li jreddgħu		Baqar tal-ħalib		TOTAL	
				1.4 - 1.8	< 1.4	1.4 - 1.8	< 1.4	1.4 - 1.8	< 1.4	1.4 - 1.8	< 1.4
Artikolu 131 (6b-i); Artikolu 131 (6b-ii); Artikolu 131 (6b-iii)	31 ta' Lulju 2007	4.2.1	Numru tal-annimali aċċettati								
		4.2.2	Numru ta' produtturi li ngħataw fl-asijiet								

5. Primjum eżenti mill-fattur tad-densità

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Annimali	Produtturi
Artikolu 131 (6b-iv)	31 ta' Lulju 2007	5	Numru ta' annimali u produtturi li ngħataw il-primjum eżenti mill-applikazzjoni tal-fattur tad-densità		

6. Primjum għall-qatla

Numru ta' annimali

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Qatla		Esportazzjoni	
				Adulti	Għoġġiel a	Adulti	Għoġġiela
L- Artikolu 131 (1a); L- Artikolu 131 (2a-ii); Artikolu 131 (3a)	1 ta' Marzu 2007	6.2	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom (sena sħiħa)				

Artikolu 131 (1b-i); Artikolu 131 (2b-iv); Artikolu 131 (3b-i)	31 ta' Lulju 2007	6.3	Numru ta' annimali li saret applikazzjoni għalihom (sena sħiħa)				
Artikolu 131 (1b-ii); Artikolu 131 (2b-v); Artikolu 131 (3b-ii)	31 ta' Lulju 2007	6.4	Numru ta' annimali mhux aċċettati minħabba l-applikazzjoni tal-limitu massimu				

Numru ta' produtturi

	Skadenza għall-preżentazzjoni	Ref.	Informazzjoni mitluba	Qatla		Esportazzjoni	
				Adulti	Għogġiel a	Adulti	Għoġġiela
Artikolu 131 (1b-i); Artikolu 131 (2b-iv); Artikolu 131 (3b-i)	31 ta' Lulju 2007	6.5	Numru ta' produtturi li ngħataw primjum				

L-ammont tal-primjums effettivament imħallsin

Skadenza ta' trażmissjoni: 31 ta' Lulju kull sena

	Sa 100% primjum tal-Qatla (għoġġiela)	Sa 100% primjum tal-Baqar li jreddgħu	Sa 40% primjum tal-Qatla (annimali bovini li mhumiex għoġġiela)	Sa 100% primjum tal-Qatla (annimali bovini li mhumiex għoġġiela)	Sa 75% primjum Speċjali
Referenza għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Artikolu 68 (1)	Artikolu 68 (2a-i)	Artikolu 68 (2a-ii)	Artikolu 68 (2b-i)	Artikolu 68 (2b-ii)
Ammont effettivament imħallas f'EUR (wara t-tnaqqis stipulat fl-Artikolu 139 - koeffiċjenti ta' tnaqqis)					

"

ANNEX VI

"Anness XXVIII

IL-KONTENUT TA' UMDITÀ

kif imsemmi fl-Artikolu 171cj

Grupp ta' varjetajiet	Il-kontenut ta' umdià (%)	Tolleranzi (%)
-----------------------	---------------------------	----------------

I.	Imqadded bis-sħana	16	4
II.	Imqadded fl-arja ċara		
	Il-Ġermanja, Franza, il-Belġju, l-Awstrija, il-Portugall - ir-Reġjun Awtonom tal-Azores	22	4
	Stati Membri oħra u żoni ta' produzzjoni rikonxxuti oħrajn fil-Portugall	20	6
III.	Imqadded fl-arja skura		
	Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija	26	4
	Stati Membri Oħra	22	6
IV.	Imqadded bin-nar	22	4
V.	Imqadded bix-xemx	16	4
VI.	Basmas	16	4
VII.	Katerini	16	4
VIII.	Kaba Koulak (klassiku)		
	Elassona, Myrodata	16	4
	Agrinion, Zichnomyrodata		

“